# IL-GĦANJA TAL-MALTI LIL MARIJA

*(Inqrât fl-Akkademja tal-Kunċizzjoni fil-Kulleġġ ta' San Lwiġi B'kara.)*

Biex lilek infaħħar, ja Xbejba bla teba',
mogħnija mis-sema, b'kull għaġeb, b'kull sliem,
ma' rridx għerf barrani jew reqqa bla' ħtieġa,
tiżwieq illi jlellex ta' ħsieb u ta' kliem!

Għalija biż-żejjed dil-ħeġġa ta' sidri,
ta' Malti qalbieni, nisrani w-rebbieħ...
li l-Knisja ta' Kristu, li l-art fejn ra l-ħajja
żejjinhom minn dejjem b'kull ħajr u b'kull ġieħ!

Biż-żejjed dan demmi, li jiġri ma' ġismi,
demm safi w-imħeġġeġ u mriegħed u sħun;
id-demm li ma' l-Islam ċarċruh missir'jieti,
imlaqqam bil-ħrara, bis-saħħa tal-ljun!

Inħobbok, ja Mbierka, j'Omm ħelwa ta' tjieba,
b'imħabba ta' iben, b'imħabba Maltija!
ħabbejtek minn dejjem, minn dejjem saħħarni
dak ismek tal-ġenna, Marija, Marija!

Ma' l-ewwel tnehida, li ħarġet minn fommi,
kien ismek, Marija, li f'rogħda temtimt!
Marija kien l-isem ta' ferħ u ta' barka
li f'sebħ din il-ħajja, ħabbejt u tgħallimt.

Int dejjem saħħartni bid-dija ta' ġmielek,
bid-daħka li tbexxaq, li żżejjen xofftejk,
bil-benna, bil-ħniena ta' qalbek maħbuba
bis-safa tas-sema, li jixref f'għajnejk!

U dejjem għannejtlek, sellimtlek, ja Xbejba,
bi lsien art twelidi, ħafif u sabiħ;
li jogħla w-jittajjar, li jidħol, li jrażżan,
għax mimli bil-ħlewwa, għax qawwi, għax sħiħ!

U ridtek imżejna bil-warda li tħammar,
f'dil-gżira ta' qalbi, tal-ġonna fis-skiet;
bil-klin u bil-plejju, li jikber, li jfewwaħ
fil-ħofor imdel'la, mal-ġnub ta' l-għoljiet.

Minn dejjem ħabbejtek, għax dejjem, Marija,
il-qawwa u l-faraġ u l-ħajja sibt fik!
qatt bħalha l-imħabba hekk sħiħa, hekk iržina
li ġarrab minn dejjem il-Malti għalik!

Mal-miġja ta' Pawlu, missierna fil-fidwa,
mad-dawl li ġibilna ta' hena w-twemmin,
l-imħabba ta' qalbek għarafna, Marija,
wil-ħila wis-setgħa ta' ismek ħanin.

U Malta, bint Pawlu, quddiemek inxeħtet,
u qalbha ma' qalbek intgħaqdu flimkien...
u qatt xejn ma seta' jifridhom, jagħżilhom,
u jħoll dik ir-rabta mal-ħarba taż-żmien.

Fil-ġlieda waħxija ma' wlied in-nofs qamar,
egħdewwa bil-ħalfa ta' Kristu mislub,
int biss, ja Marija, kont tqawwi lil ħutna,
u l-ħila rebbieħa tnisslilhom fil-qlub.

U b'ismek fuq fommhom jien rajthom jinxeħtu
fil-qtigħ tat-taqbida, għajnejhom tan-nar,
u jqattgħu u jinfdu u jfarrku u jkissru,
dik qalbhom qawwija bis-saħħa tas-swar.

U 'l dawk il-qalbiena, li waqgħu f'Sant'Jermu,
imċappsa bid-dmija, fi ġlieda bla serħ,
'Marija', din kienet is-sejħa ta' qalbhom,
'Marija', din l-aħħar tnehida ta' ferħ.

Le qatt ma jintefa fil-ġrajja ta' Malta,
dak ismek imżejjen bid-dija tas-sebħ!
mas-swar ta' l-Imdina, max-xtajta tal-Birgu,
jibqa' ismek jinsama' bħal għanja ta' ferħ!

U hawn ġewwa qalbna, sa kemm jibqa' jiġri
id-demm sħun imħeġġeġ tal-Malti rebbieħ,
Marija, Int tibqa' tgħix dejjem Sultana,
Le qatt ma jmut fina dak ismek sabiħ.

U jibqgħu sa l-aħħar, j'Omm ħelwa, dawn qlubna
ma' qalbek marbuta, bi mħabba qawwija;
u l-aħħar tislima ta' ruħna f'dil-ħajja,
tkun lilek, ja Malta, tkun lilek Marija!

**Gidi.**